**L-Eżami ta' Nofs is-Sena Tas-Sitt Sena Primarja**

# IL-MALTI: IS-SMIGĦ

**Ħin: 30 minuta**

**IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA**

Merħba tfal!

Matul is-sezzjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji se naqrahomlok darbtejn. Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġna 2.

**[pawża ta' 10 sekondi]**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

**[pawża ta' 25 sekonda]**

Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**[L-Ewwel Silta]**

In-nanna Lonza qalbet għajnejha lejn il-fatat l-isfar u ħadet nifs qawwi. Kienet donnha qed titolbu l-għajnuna biex teħles minn dik il-fittaġni ta' mara. U l-għajnuna tiegħu, Nestor tahielha bil-qalb kollha. Il-kċina tagħha kienet fl-istess ħin kamra tal-ikel u fin-nofs kien hemm mejda kbira b'xi siġġijiet madwarha. F'nofs din il-medja kien hemm fruttiera kbira mimlija larinġ, tuffieħ u frott ieħor. Il-fatat beda jsaffar melodija mgħaġġla, donnha marċ militari.

Iż-żewġ nisa nħasdu. Katarin bdiet iddawwar rasha 'l hawn u 'l hinn biex tara min kien qed isaffar, iżda t-tisfir żdid u ġrat xi ħaġa oħra li ħalliet liż-żewġ nisa bla nifs. Il-frott qabeż minn ġol-fruttiera u beda jimmarċja waħda wara l-oħra fuq il-mejda bħal suldati f'parata. Katarin ġabet għajnejha wara widnejha meta rat il-frott jiċċaqlaq u jimmarċja waħdu. Stagħġbet wisq aktar meta l-larinġ u t-tuffieħ u l-għeneb u l-lanġas inqatgħu minn mal-mejda u bdew iduru ma' rasha u flok iħabbtu mal-mejda bdew issa jħabbtu ma' rasha.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Issa se naqralek taħriġ A.**
Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel (✓) fil-kaxxa t-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**
Katarin ħassitha komda bil-ħsejjes li beda jagħmel Nestor. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx? Din **Falz.** Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt **Falz.**

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn:**
In-nanna Lonza xtaqet l-għajnuna tal-fatat biex teħles mill-fittaġni ta' Katarin. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta:**
Lonza kienet ġara ta' Katarin. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa:**
Il-kċina ta' Lonza kienet tintuża wkoll bħala kamra tal-ikel. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa:**
Iż-żewġ nisa setgħu jisimgħu l-ħsejjes strambi li beda jagħmel il-fatat. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru sitta:**
Fil-fruttiera kien hemm biss larinġ u tuffieħ. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B fuq paġna 3.**

Qabbel kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju.

F'kolonna A, F'numru wieħed, naqraw:
**Il-protagonisti f'din is-silta huma……**

F'kolonna B din is-sentenza tkompli…..
**Lonza, Katarin u l-fatat Nestor.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha. Mela s-sentenza sħiħa tiġi:
**Il-protagonisti f'din is-silta huma Lonza, Katarin u l-fatat Nestor.**

Issa se naqralek **Kolonna A** u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | In-nanna Lonza qalbet għajnejha u ħadet nifs qawwi…. |
| Numru tlieta: | Nestor saffar melodija b'ritmu mgħaġġel…. |
| Numru erbgħa: | Iż-żewġ nisa qatgħu nifishom…. |
| Numru ħamsa: | Nestor offra l-għajnuna tiegħu…. |
| Numru sitta: | Il-frott beda jaqbeż u jdur mal-mejda…. |

Issa se naqralek **Kolonna B**:
…. meta raw dawk l-istramberiji jiġru madwarhom.
... bħal reġiment suldati jimmarċjaw.
... Lonza, Katarin u l-fatat Nestor.
... għax ħassitha mxebba’ mill-attitudni ta' Katarin.
... li kien jixbah lil dak ta' marċ.
... lix-xwejħa Lonza.

**[pawża ta’ 10 sekondi għal min għadu jikteb]**

Se nerġa’ naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma’ tista’ tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzju.

In-nanna Lonza qalbet għajnejha lejn il-fatat l-isfar u ħadet nifs qawwi. Kienet donnha qed titolbu l-għajnuna biex teħles minn dik il-fittaġni ta' mara. U l-għajnuna tiegħu, Nestor tahielha bil-qalb kollha. Il-kċina tagħha kienet fl-istess ħin kamra tal-ikel u fin-nofs kien hemm mejda kbira b'xi siġġijiet madwarha. F'nofs din il-medja kien hemm fruttiera kbira mimlija larinġ, tuffieħ u frott ieħor. Il-fatat beda jsaffar melodija mgħaġġla, donnha marċ militari.

Iż-żewġ nisa nħasdu. Katarin bdiet iddawwar rasha 'l hawn u 'l hinn biex tara min kien qed isaffar, iżda t-tisfir żdid u ġrat xi ħaġa oħra li ħalliet liż-żewġ nisa bla nifs. Il-frott qabeż minn ġol-fruttiera u beda jimmarċja waħda wara l-oħra fuq il-mejda bħal suldati f'parata. Katarin ġabet għajnejha wara widnejha meta rat il-frott jiċċaqlaq u jimmarċja waħdu. Stagħġbet wisq aktar meta l-larinġ u t-tuffieħ u l-għeneb u l-lanġas inqatgħu minn mal-mejda u bdew iduru ma' rasha u flok iħabbtu mal-mejda bdew issa jħabbtu ma' rasha.

**[pawża ta’ 3 sekondi]**

**Se nerġa’ naqralek taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

**Issa se naqralek taħriġ A.**
Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel (✓) fil-kaxxa t-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**
Katarin ħassitha komda bil-ħsejjes li beda jagħmel Nestor. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx? Din Falz. Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt Falz.

**[pawża ta’ 3 sekondi]**

**Numru tnejn:**
In-nanna Lonza xtaqet l-għajnuna tal-fatat biex teħles mill-fittaġni ta' Katarin. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta’ 3 sekondi]**

**Numru tlieta:**
Lonza kienet ġara ta' Katarin. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa:**
Il-kċina ta' Lonza kienet tintuża wkoll bħala kamra tal-ikel. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa:**
Iż-żewġ nisa setgħu jisimgħu l-ħsejjes strambi li beda jagħmel il-fatat. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru sitta:**
Fil-fruttiera kien hemm biss laringġ u tuffieħ. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B fuq paġna 3.**

Qabbel kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju.

F'kolonna A, F'numru wieħed, naqraw:
**Il-protagonisti f'din is-silta huma……**

F'kolonna B din is-sentenza tkompli…..
**Lonza, Katarin u l-fatat Nestor.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha. Mela s-sentenza sħiħa tiġi:
**Il-protagonisti f'din is-silta huma Lonza, Katarin u l-fatat Nestor.**

Issa se naqralek **Kolonna A** u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | In-nanna Lonza qalbet għajnejha u ħadet nifs qawwi…. |
| Numru tlieta: | Nestor saffar melodija b'ritmu mgħaġġel…. |
| Numru erbgħa: | Iż-żewġ nisa qatgħu nifishom…. |
| Numru ħamsa: | Nestor offra l-għajnuna tiegħu…. |
| Numru sitta: | Il-frott beda jaqbeż u jdur mal-mejda…. |

Issa se naqralek **Kolonna** B:
…. meta raw dawk l-istramberiji jiġru madwarhom.
... bħal reġiment suldati jimmarċjaw.
... għax ħassitha mxebba mill-attitudni ta' Katarin.
... li kien jixbah lil dak ta' marċ.

... lix-xwejħa Lonza.

**[pawża ta’ 10 sekondi għal min għadu jikteb]**

**Issa għandek minuta biex tiċċekkja Taħriġ A u Taħriġ B.**

**Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta.**

Issa ngħaddu għat-tieni silta.

Nitolbok issib paġna 4 u 5.

**[pawża ta’ 5 sekondi]**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.

**[pawża ta’ 45 sekonda]**

Tajjeb. Mela issa se nibdew it-Tieni Silta. Waqt il-qari tista’ tibda taħdem l-eżerċizzji.

**[pawża ta’ 3 sekondi]**

**[It-Tieni Silta]**

**FORMOLA**

Jekk hemm xogħol trid tiskartah,
Jew il-‘homework’ tiffrankah,
Isma’minni – agħmel bħali,
Se ntik formola speċjali:
Kull met’ommi tgħidli: “Paul,
Ej’ ħa tgħinni f’biċċa xogħol,”
Noqgħod kwiet, ma nweġibhiex,
Għat-taparsi ma smajthiex.
Ħdejha mmur bil-mod il-mod,
Nimxi nfekren u nirtogħod,
U ngħidilha, mans daqs nagħġa:
“Xi trid, Ma? Naqdik f’xi ħaġa?”
Ommi mara panikuża,
Tagħmel għaġeb fuq nemusa,
Għandha ċerta fissazzjoni,
Fuq is-sogħla u l-flissjoni,
Fuq l-uġigħ taż-żaqq u d-dahar,
Allerġiji kbar u żgħar,
L-iċken riħ tarah bronkite,
Ażżma, sogħla u polmunite.
Għandha fliexken ta’ kull sura,
Qtar u pilloli u mistura.

Kxaxen sħaħ sax-xfar mimlija,
Donnhom kienu spiżerija.
Hekk kif ommi tħares lejja,
U tara d-dmugħ fi xfar għajnejja,
Għax dal-fatt jeħtieġ tifhmuh:
Jien naf anki nġib id-dmugħ!
Tgħidli: "X'għandek, x'waħda din?
Għajnejk jidhru miksurin,
Itla' 'l fuq…. U x-xogħol insieh!
Mur ġos-sodda! Fittex strieħ!"
U tagħtini asperina,
Jew xi mgħarfa mediċina,
Hemm mistura ftit safrana,
Togħma bnina ta' banana!
Ħafna xogħol b'hekk niskartah,
Ħafna homework niffrankah,
Iżda 'kk ommok mhix mazzun,
U nzertat ġurdien brikkun;
Ħeqq…. Ma nafx kif taqbad tfehimha,
F'dak il-każ….għandek problema!

**[Poeżija meħudha mill-ktieb Żveljarin ta' Trevor Żahra]**

**[pawża ta' 3 sekondi]**

Ħalli nibdew minn **Taħriġ A**.

F'dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.

Ejja naraw l-eżempju.

*L-awtur kellu*
*a) ommu tibla' kollox.*
*b) ommu brikkuna.*
*ċ) ommu tibla' ħafna pilloli.*

Issa, inti smajt li l-awtur kellu ommu tibla’ kollox. Mela t-tajba hija **a**.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru wieħed**
Xi annimali li ssemmew kienu
a) kelb u qattus.
b) ħanżir u żrinġ.
ċ) ġurdien u nemusa.

**[pawża ta’ 3 sekondi]**

**Numru tnejn**
L-awtur jismu
a) Fred.
b) Paul.
ċ) Toni.

**[pawża ta’ 3 sekondi]**

**Numru tlieta**
Minflok *ommi mara panikuża*, l-awtur seta' jikteb
a) ommi tħobb l-avventura.
b) ommi ma taħsibhomx.
ċ) ommi ġġibhom bi kbar.

**[pawża ta’ 3 sekondi]**

**Numru erbgħa**
Biex jiffranka x-xogħol, l-awtur jivvinta li
a) għandu uġigħ ta’ żaqq.
b) taparsi ma jiflaħx.
ċ) għandu uġigħ ta’ ras.

**[pawża ta’ 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
*Biex jurina li jimxi bil-mod ħafna jgħid:*
a) nimxi nfekren u nirtogħod.
b) naqbeż u mmur il-bogħod.
ċ) nimxi fuq ponot subgħajja.

**[pawża ta’ 3 sekondi]**

Issa se ngħaddu għal **Taħriġ B**.

Għal dan it-taħriġ se nistaqsik mistoqsija, u din id-darba trid tikteb it-tweġiba. It-tweġiba mhux bilfors tkun sentenza sħiħa.

**L-ewwel mistoqsija**
*Liema frotta tissemma fil-poeżija?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 10 sekondi]**

**It-tieni mistoqsija**
*Għal liema fliexken ta' kull sura qed jirreferi?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 10 sekondi]**

**It-tielet mistoqsija**
*Ma' liema ħuta jqabbel lil omm li tidħak biha malajr?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 10 sekondi]**

**Ir-raba' mistoqsija**
*Ma' liema annimal qed iqabbel lil xi ħadd brikkun?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 10 sekondi]**

**Il-ħames mistoqsija**
*X'kienet il-formola speċjali li ried jagħtina Paul?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**
**[pawża ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb]**

Issa se nerġa' naqralek it-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.
Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

**[Tinqara t-tieni silta għat-tieni darba]**

**FORMOLA**

Jekk hemm xogħol trid tiskartah,
Jew il-homework tiffrankah,
Isma'minni – agħmel bħali,
Se ntik formola speċjali:
Kull met'ommi tgħidli: "Paul,
Ej' ħa tgħinni f'biċċa xogħol,"
Noqgħod kwiet, ma nweġibhiex,
Għat-taparsi ma smajthiex.
Ħdejha mmur bil-mod il-mod,
Nimxi nfekren u nirtogħod,
U ngħidilha, mans daqs nagħġa:
"Xi trid, Ma? Naqdik f'xi ħaġa?"
Ommi mara panikuża,
Tagħmel għaġeb fuq nemusa,
Għandha ċerta fissazzjoni,
Fuq is-sogħla u l-flissjoni,
Fuq l-uġigħ taż-żaqq u d-dahar,
Allerġiji kbar u żgħar,
L-iċken riħ tarah bronkite,
Ażżma, sogħla u polmunite.
Għandha fliexken ta' kull sura,
Qtar u pilloli u mistura.
Kxaxen sħaħ sax-xfar mimlija,
Donnhom kienu spiżerija.
Hekk kif ommi tħares lejja,
U tara d-dmugħ fi xfar għajnejja,
Għax dal-fatt jeħtieġ tifhmuh:
Jien naf anki nġib id-dmugħ!
Tgħidli: "X'għandek, x'waħda din?
Għajnejk jidhru miksurin,
Itla' 'l fuq…. U x-xogħol insieh!
Mur ġos-sodda! Fittex strieħ!"
U tagħtini asperina,

Jew xi mgħarfa mediċina,

Hemm mistura ftit safrana,

Togħma bnina ta' banana!

Ħafna xogħol b'hekk niskartah,

Ħafna homework niffrankah,

Iżda 'kk ommok mhix mazzun,

U nzertat ġurdien brikkun;

Ħeqq.... Ma nafx kif taqbad tfehimha,

F'dak il-każ....għandek problema!

**Issa ħa nerġa' naqralek Taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

*L-awtur kellu*
*a) ommu tibla' kollox.*
*b) ommu brikkuna.*
*ċ) ommu tibla' ħafna pilloli.*

Issa, inti smajt li l-awtur kellu ommu tibla' kollox. Mela t-tajba hija **a**.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru wieħed**
Xi annimali li ssemmew kienu
a) kelb u qattus.
b) ħanżir u żrinġ.
ċ) ġurdien u nemusa.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn**
L-awtur jismu
a) Fred.
b) Paul.
ċ) Toni.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta**
Minflok *ommi mara panikuża*, l-awtur seta' jikteb
a) ommi tħobb l-avventura.
b) ommi ma taħsibhomx.
ċ) ommi ġġibhom bi kbar.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa**
Biex jiffranka x-xogħol, l-awtur jivvinta li
a) għandu uġigħ ta' żaqq.
b) taparsi ma jiflaħx.
ċ) għandu uġigħ ta' ras.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
*Biex jurina li jimxi bil-mod ħafna jgħid:*
a) nimxi nfekren u nirtogħod.
b) naqbeż u mmur il-bogħod.
ċ) nimxi fuq ponot subgħajja.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Issa ħa nerġa' naqralek Taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Għal dan it-taħriġ se nistaqsik mistoqsija, u din id-darba trid tikteb it-tweġiba. It-tweġiba mhux bilfors tkun sentenza sħiħa.

**L-ewwel mistoqsija**
*Liema frotta tissemma fil-poeżija?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**

**[pawża ta' 10 sekondi]**

**It-tieni mistoqsija**
*Għal liema fliexken ta' kull sura qed jirreferi?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**

**[pawża ta' 10 sekondi]**

**It-tielet mistoqsija**
*Ma' liema ħuta jqabbel lil omm li tidħak biha malajr?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**

**[pawża ta' 10 sekondi]**

**Ir-raba' mistoqsija**
*Ma' liema annimal qed iqabbel lil xi ħadd brikkun?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**

**[pawża ta' 10 sekondi]**

**Il-ħames mistoqsija**
*X'kienet il-formola speċjali li ried jagħtina Paul?*
**[irrepeti l-mistoqsija]**

**[pawża ta' 30 sekonda għal min għadu jikteb]**

**Issa għandek żewġ minuti biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**
**Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa.**
**Saħħa!**